**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 86 – IT-TNEJN, 26 TA’ ĠUNJU 2017 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier (5.40pm) |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 85**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur Trevor Fenech daħal għal-laqgħa fis-5.40pm.

**2 Punti mtella mill-Minuti 85**

2.1 Rigward paragrafu 5.1 il-Kunsill ġie nfurmat li intbagħtet email lis-Sur Silvio Scerri TM rigward oġġezzjoni tal-alighting / boarding bay fejn ġie mitlub biex titneħħa.

2.2 Rigward paragrafu 5.3 għandha ssir site visit mal-Perit tal-Kunsill biex isiru drawing biex issir l-applikazzjoni lil TM.

2.3 Għandha ssir reminder lil TM rigward l-bus stops imkissrin li hemm f’San Ġwann.

2.4 Il-Kunsill ġie nfurmat li intbagħtu għal kwotazzjonijiet biex jiġi ppublikat il-ktieb ta’ San Ġwann.

2.5 Għandha tintbagħat reminder lil TM rigward patching li hemm bżonn fi Triq Salvu Busuttil.

## 3 Pagamenti Numru 76

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm qbil unanimu biex isir ir-rapport fuq ventilation ghall-applikazzjoni tal-PA tal-bini tal-komunità. Dan ir-rapport għandu jiswa 350 Ewro + VAT hekk skont il-kwotazzjoni mill-Ing Edwin Aquilina.

4.2 Is-Sindku tkellem fuq komunikazzjoni mill-Onor Robert Cutajar, li introduċa lilu nnifsu bhala l-Kelliem tal-Oppożizzjoni dwar il-Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa' miegħu.

4.3 Kien hemm qbil li għandha ssir talba għal-laqgħa mal-Ministru Ian Borg biex jiġi diskuss l-proġett ta' Ġnien Karin Grech kif ukoll l-asphalting tat-Toroq Ġojjin u Fikus.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm qbil unanimu għal No Objection għall-attivitajiet tal-Banda li jinkludu marċi fit-toroq fil-gimgħa tal-festa, għeluq tat-Triq il-Kappella għal BBQ kif ukoll tqegħid tal-planċir biex isir il-kunċert għal ġimgħa tal-festa.

5.2 Kien hemm qbil unanimu ghal No Objection għall-Għaqda Festa Esterna biex jintuża hi-up għal skop ta' tiżjin u żarmar għall-Festa Madonna tal-Lourdes. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jipprovdi servizz ta' pulizija jew warden għat-toroq prinċipali. Għandha ssir laqgħa mal-Għaqda biex jiġi kkwantifikat in-numru ta' sigħat li ser ikun hemm bżonn.

5.3 Kien hemm diskussjoni rigward l-inizjattiva Finanzjarja – Għoti mill-ġdid ta' tarmac lil toroq fir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil li għandha ssir l-applikazzjoni għal din l-iskema għal parti tat-Triq il-Kappella fejn hemm imħarbat u parti tat-triq fejn il-Kappella tal-Propostru.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sinjura Marica Bayliss talbet biex l-istaff tal-kunsill jerġa' jibda t-thumb reading kif ukoll terġa' tibda tintuża l-alarm tal-Kunsill filgħaxijiet. Kien hemm qbil unanimu. Hi ssuġġeriet biex issir talba lil TM biex fejn il-Kunsill ikun hemm disabled parking għall-użu ġenerali. Kien hemm qbil unanimu.

6.2 Is-Sur Mikhail Micallef informa lill-Kunsill li għandha tintbagħat lill-membri kollha link għal websajt il-ġdida. Hu nforma lill-Kunsill li d-domain għandu jiswa 60 Ewro fis-sena u l-hosting għandu jiswa 100 Ewro fis-sena. Kien hemm qbil ukoll biex jitqabbad is-Sur Tony C Cutajar biex jagħmel translation tal-materjal biex fil-websajt ikun hemm kitba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 24 ta' Lulju 2017 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |